# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 497

KAZ NRU. 660

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Emanuel Camilleri

u

Kalaxlokk Co. Ltd.
kif rappreżentata mill-
Perit Carmelo Cacopardo

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 13 ta' Mejju 1993

Chairman: Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

## I. INTRODUZZJONI

Dan il-Kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra markata ME/62/92/2 li ggib id-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu, 1992 biex jigi deciz skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. SOTTOMISSJONI PRELIMINARI

Il-Kalaxlokk Co. Ltd., il quddiem tissejjah il-Kumpanija, preliminarment issottomettiet "illi qatt ma' kellha b'impjegat fuq il-kotba taghha 'l Emanuel Camilleri, il quddiem jissejjah l-appellant, ta' "Arzella" St. Publius Street, Naxxar.

## III. PROVI

Il-Kumpanija, biex issostni s-sottomissjoni taghha, ipproduciet xhieda, fosthom lill-imsemmi Perit Cacopardo, li bejn Novembru 1990 u Gunju 1992 kien jokkupa l-post ta' "Chairman" kemm tal-Kumpanija kif ukoll tal-Valletta Harbour Works Limited u esebiet dokumenti fosthom il-Form B "Termination Form" li tintuza minn Principal meta jintemm l-impjieg u dan skond l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig (Att Nru. XXVIII ta' l-1990) liema formola, li hi ffirmata mill-appellant bhal "l-impjegat", turi bhala "Isem u Kunjom minn ihaddem", lill Valletta Harbour Works Ltd.; esebiet ukoll kopja tal-ftehim li kien sar fit-22 ta' Mejju, 1991 bejn il-Malta Investment Management Corporation Limited (MIMCOL) bhala "sole shareholder of Kalaxlokk Company Limited" u l-General Workers' Union u kopja tal-ftehim li kien sar l-ghada, cioe' fit-23 ta' Mejju 1991 bejn il-Kumpanija u l-istess General Workers' Union rigward "transferring on loan (temporarily) all employees who at present are employed by the Valletta Harbour Works Limited to Kalaxlokk Company Limited.

Minn naha tieghu l-appellant ibbaza it-tezi tieghu l-aktar fuq ittra li ggib id-data tal-11 ta' Lulju, 1991 indirizzata lilu mill-Personnel Manager tal-Kumpanija, li, fost hwejjeg ohra, tghid testwalment:

> "Wara li inti accettajt il-ftehim li sar bejn il-Kumpanija Valletta Harbour Works Limited u l-General Workers' Union, inti gejt offrut impjieg temporanju mal-Kumpanija Kalaxlokk fuq il-kondizzjonijiet kollha ta' l-impjegati inkluz il-pagi."

IV. KONSIDERAZZJONIJIET

Fil-fehma tat-Tribunal l-imsemmijja ittra tal-11 ta' Lulju 1991 mehuda fil-kuntest kemm ta' l-imsemmi ftehim li sar bejn il-Malta Investment Management Corporation Limited (MIMCOL) u l-General Workers' Union kif ukoll dak li sar bejn il-Kumpanija u l-istess General Workers' Union, ma' twassalx biex tipprova, b'mod sodisfacenti, li l-appellant, meta l-impjieg tieghu kien terminat, fil-fatt kien impjegat mall-Kumpanija.

V. DECIZJONI

Ghar-ragunijiet premessi, it-Tribunal jilqa' sottomissjoni preliminari tal-Kumpanija, cioe' Kalaxlokk Co. Ltd., fis-sens li l-appellant, cioe' Emanuel Camilleri, qatt ma' kien impjegat maghha u ghalhekk l-impjieg tieghu ma' setax jigi u fil-fatt ma' giex terminat minnha u ghaldaqstant ma' jiehux aktar konjizzjoni tal-Kaz.

Ghal-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-ligijiet, it-Tribunal qieghed jintaxxa, lil kull wiehed miz-

.../4

zewg difensuri, d-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-Kaz.

Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mcg